# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Ottubru 2015**

**Numru**

**Citazzjoni Numru 751/04 FS**

**Calibre Industries Limited (17167)**

**v.**

**Slipform Engineering (Malta) Limited u b'digriet tat-23 ta' Frar 2005, l-isem tas-socjeta` konvenuta gie korrett ghal Slipform Engineering International Limited (C 14284)**

**Il-Qorti:**

Preliminari

Dan huwa appell sija ad istanza tas-socjeta` konvenuta mis-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Novembru 2011, li permezz tieghu qed titlob lil din il-Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza u dan billi tichad t-talbiet kollha attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta; kif ukoll appell iehor illi permezz tieghu is-socjeta` attrici qed

titlob lil din il-Qorti tordna li l-imghaxijiet dovuti lilha jibdew jghoddu mill-1 ta' Dicembru 2003 u mhux mid-data tas-sentenza kif gie deciz mill-Ewwel Qorti.

Ghal intendiment ahjar ta' dawn l-appelli s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti qeghda tigi hawnhekk riprodotta fl-intier taghha:

"Il-Qorti,

"**A. CITAZZJONI:**

"Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ippremettiet:

"Illi s-socjeta` konvenuta kienet ikkommissjonat minghand is-socjeta` attrici xoghol ta' bibien, twieqi, hgieg u xoghol iehor ghall-progett tal-Grand Hotel Excelsior.

"Illi l-istess socjeta` konvenuta kienet hallset akkont pero` kien baqaghlha thallas Lm19,724.11 (dsatax-il elf, seba' mija u ergha u ghoxrin lira u hdax-il centezmu), oltre l-imghaxijiet legali mill-1 ta' Dicembru 2003, liema ammont kien dovut, wara li l-ammont mitlub kien gie ridott mis-socjeta` attrici bi ftehim mas-socjeta` konvenuta.

"Illi s-socjeta` konvenuta kienet baqghet tittratjeni u ma hallsitx dan il-bilanc minkejja diversi talbiet ghall-hlas.

"Illi kienu jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi ghat-tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili stante li d-dejn fuq imsemmi kien cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma kellha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont.

"Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. "Tiddeciedi skont it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili; u

2. "Tikkundanna lis-socjeta` konvanuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' LM19,724, bilanc tal-prezz ta' xoghol ta' bibien, twieqi, hgieg u xoghol iehor, kif fuq spjegat.

"Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Dicembru 2003 kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ Joseph Cortis ghas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

“**B. ECCEZZJONIJIET:**

“Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

1. “Illi preliminarjament riedet issir korrezzjoni fic-citazzjoni attrici *stante* li s-socjeta` konvenuta fil-gurnata tal-prezentata citazzjoni kienet diga` rregistrat tibdil f’isimha minn dik kif indikata fic-citazzjoni ghal Slipform Engineering International Limited.

2. “Illi preliminarjament ukoll in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ din il-Qorti sabiex tiehu konjizzjoni tac-citazzjoni attrici stante klawsola arbitrali fil-kuntratt ta’ bejn il-kontendenti.

3. “Illi fil-mertu u minghajr ebda pregudizzju ghall-fuq eccepit it-talbiet attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt stante li qabel xejn is-socjeta` attrici kienet naqset milli tissosstanzja l-pretensjoni taghha permezz ta’ prospett dettaljat u dokumenti in sostenn tal-istess, u fit-tieni lok stante li ma kien hemm ebda ammont li ghadu dovut mis-socjeta` konvenuta a favur tas-socjeta` attrici in konnessjoni max-xoghol esegwit fil-progett tal-Grand Hotel Excelsior u dan kif kellu jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. “Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri kompetenti lis-socjeta` konvenuta skont il-ligi.

“Ghaldaqstant it-talbiet attrici kellhom jigu michuda minn din il-Qorti bl-ispejjes.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ Graham Stewart Elliot ghas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

“Rat l-atti kollha tal-kawza.

“Semghet lix-xhieda bil-gurament.

“Semghet l-abili difensuri.

“Ikkunsidrat

"Rat li fit-23 ta' Frar, 2005 l-ewwel eccezzjoni giet irtirata in segwitu li kienet intalbet il-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` konvenuta.

"**C. KLAWSOLA ARBITRALI:**

"B'decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tad-29 ta' Jannar, 2010 l-eccezzjoni dwar il-klawsola arbitrali giet michuda minhabba dak li nghad:
"Huwa risaput li dawn il-Qrati dejjem irritenew li huma kellhom gurisdizzjoni fi kwistjonijiet bejn zewg partijiet anke meta jkun hemm klawsola arbitrali, meta jirrizulta li wahda mill-partijiet ma tagixix in buona fede u b'hekk tistultifika l-operat tal-ftehim ta' bejn il-partijiet biex finalment tevita li tonora l-obbligi taghha…"

"Illi ghalhekk fadal it-tielet eccezzjoni x'tigi ezaminata, fejn is-socjeta` konvenuta sostniet li l-attrici naqset milli tissostanzja l-pretensjoni taghha permezz ta' prospett dettaljat u dokumenti, u li ma hemm ebda ammont li ghadu dovut.

"**D. PROVI:**

"Rat id-dikjarazzjoni ta' Joseph Cortis ghan-nom tas-socjeta` attrici.

"Gie prezentat affidavit ta' Joseph Cortis li fih issemma li hu kien *Chairman* u *CEO* tas-socjeta` attrici u kellu wkoll ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja. Is-socjeta` konvenuta kienet ikkummissjonat lis-socjeta` attrici xoghol ta' bibien, twieqi, hgieg u xoghol iehor ghall-progett tal-Grand Hotel Excelsior u kien gie ffirmat kuntratt datat 27 ta' Mejju 1997. Fost kundizzjonijiet ohra kien hemm li x-xoghol kollu kontrattat kellu jitlesta sas-7 ta' April 1998. Ix-xoghol ma kienx seta` jitlesta sa din id-data mhux bi htija ta' Calibre izda minhabba li Slipform innifishom wara xi zmien, waqqfu l-progett. Huma kienu bdew l-ezekuzzjoni tax-xoghol skont il-ftehim u lahqu mexxew hafna bix-xoghol sakemm gew mizmumin milli jkomplu minn Slipform. Huma kienu lahqu xtraw il-materjal kollu skont l-ordni u l-ispecifikazzjonijiet moghtija lilhom minn Slipform. Naturalment kienu hallsu ghalih ukoll. Kienu lahqu ghamlu madwar disghin fil-mija tax-xoghol kollu. Dak iz-zmien kienu jikkomunikaw mal-*Project Manager* John Callam u warajh kien dahal floku Gerard Holmes.

"Sakemm kienu ghaddejjin bix-xoghol u qabel Slipform waqqfet il-progett, qatt ma kellhom problemi jew kwistjonijiet. Bejn wiehed u iehor kull xahar, il-*Project Manager* kien jivverifika ix-xoghol li jkun sar u johrog valutazzjonji tieghu. Calibre kienet tohrog fattura fuq dik il-valutazzjoni u f'temp ta' tletin gurnata kien isir il-hlas nieqes biss hamsa fil-mija *retention money* u dan kollu skont il-kuntratt. Dejjem kienu jimxu sew, tant li darba minnhom minhabba li kienu damu ma hallsuhom kienu skuzaw ruhhom u meta hallsu, tawhom anke l-interessi fuqhom. Dwar ix-xoghol qatt ma kellhom problemi sal-lum. Ix-xoghol kollu kien gie accettat u approvat. Kien jonqos biss li jithallsu tal-ahhar xoghol li

sar u r- *retention money,* u li jwaqqfu l-kuntratt peress li hadd ma kien jaf meta ser jitkompla. Il-hlas ma kienx sar. Huma kellhom talba ghall-hlas ta' Lm41,820.91 u sostna li l-*Project Manager* kien qabel ma dan l-ammont u kien baghatu Hong Kong ghall-approvazzjoni. Fl-*e-mail* ta' Slipform tat-13 ta' Settembru 2003 huma kienu gew infurmati li jekk ma jircevux risposta kuntrarja sas-17 ta' Novembru 2003, il-kont taghhom jitqies bhala accettat u finali. F'daqqa wahda waqaf kollox u meta ix-xhud kien ikellem lill-*Project Manager* Holmes bit-telefon, dan kien jghidlu biss li kien qieghed jistenna minn Hong Kong.

"Fl-ahhar ta' Ottubru 2003 kien cempillu John Callam, li kien *Project Manager* qabel Holmes u talab laqgha urgenti. Kienu ltaqghu fil-31 ta' Ottubru 2003 u Callam stess kien baghtilhom il-minuti ta' din il-laqgha fejn hu stess ikkonferma li kien hemm ammonti dovuti li ma thallsux kemm ghax-xoghol li kien diga approvat, kemm ghall-materjal storjat minn Calibre. Dwar ir-*retention money* hu stess ikkumenta li ma kienx jaf ghaliex din ma thallsitx. F'din l-okkazjoni kienu saru jafu li kienu inbidlu s-sidien tal-kumpanija, u allura fehmu li d-dewmien kien dovut ghal dan it-tibdil.

"Fil-21 ta' Novembru 2003 kienu ghamlu laqgha ohra ma' Callam u peress li riedu jaslu f'konkluzjoni, kienu accetaw li jnaqqsu mill-ammont dovut u waslu fi qbil ma' Callam fuq l-ammont ta' Lm19,724.11 il-hlas baqa' ma sarx. Kien jghidilhom li kien qed jistenna l-flus min barra, jew semplicement li qed jistenna. Fl-ittra tal-15 ta' Dicembru 2003 Callam cahad dak li kienu tkellmu fuqu u prova jitfa' l-htija fuqhom. Fis-16 ta' Jannar 2004 tennew il-pozizzjoni taghhom dwar il-qbil li ghamlu u fissru mill-gdid li xtaqu li jibqghu b'relazzjonijiet tajba. Il-konvenuti wieghdu li ser ihallsu izda l-hlas baqa' ma sar qatt u ghalhekk kellha ssir din il-kawza. Wara li kienet bdiet il-kawza x-xhud kien li ltaqa' ma' Mr. Eliott li pprezenta ruhu bhala s-sid u kien offra hlas ridott ta' Lm10,000 ghas-saldu izda x-xhud ma accettax.

"Xehed <u>Joseph Cortis</u> li qal li l-ammont ta' Lm41,820.91 kien konfermat u sostna li dawn saru bi qbil mal-*manager* u mistoqsi ghaliex baghathom ghall-approvazzjoni qal li ghax qablu u ghalhekk baghathom ghall-approvazzjoni. Mistoqsi minn fejn jirrizulta li John Callam ikkonferma li kien hemm ammonti dovuti rrisponda li hu stess qieghed jghid li l-materjal ma ntuzax ghax ix-xoghol kien ghadu mhux komplet. Zied jghid li Callam kellu d-dokumenti tal-*project manager* ta' qablu li kkonferma l-materjal li kien *in stock* fil-fabbrika taghhom. Qal li huma dejjem kienu jittrattaw mal-*project manager* li huwa dak li wiehed irid jitkellem mieghu u d-decizjonijiet jittiehdu mieghu u dak li jghid hu huwa ben fatt. Ix-xhud din il-bicca xoghol ghamluha ma' tliet *project managers*. Qal li huma kienu ftehmu fuq zewg ammonti. Wiehed mill-ammonti kien ta' Lm41,000 u fuqu kienu ftiehmu mal-*project manager* Holmes. Hu kien qalilhom li kienu ser jibghatu l-hlas. Xi gimghatejn qabel ma ghalqu t-tliet xhur qalilhom li l-kumpanija nbieghet u dawn issa ser jaqghu taht is-sidien il-godda. Kien hemm ammont iehor ta' Lm20,000 u x-xhud sostna li John Callam kien dejjem jghidlhom biex

jirrangaw fuqu. Kien qalilhom ukoll li sal-ahhar ta' Novembru ser jithallsu meta ftehmu fuq dik is-somma, u kien anke jistaqsihom ghal *quotations* fuq xoghol iehor. Minkejja dan huma baqghu ma thallsux.

"Gie prezentat affidavit ta' Raymond Cortis li fih isemma li hu kien *Sales and Production Manager* ma' Calibre Industries Limited u kien involut fil-kuntratt ma' Slipform fl-ezekuzzjoni tax-xoghol fuq il-post. Ikkonferma li tul l-ezekuzzjoni tal-kuntratt apparti diffikultajiet normali li kienu gew rizolti fuq ix-xoghol, qatt ma kellu *queries* dwar kwalita`, jew xoghol hazin. Ix-xoghol dejjem gie accettat mill-*Project Manager*. Fir-rigward ta' fattura u hlas kien imbaghad jidhol huh Joe Cortis.

"Gie prezentat affidavit ta' Graham Stewart Elliott li fih issemma li hu direttur mas-socjeta` Slipform Engineering International Ltd. u ilu f'din il-kariga mit-30 ta' Novembru, 2004. Meta xehed kellu l-kariga ta' *Project Director* u f'din il-kariga hu jkun responsabbli ghall-amministrazzjoni ta' kulljum tal-progett ta' zvilupp tal-*Grand Hotel Excelsior*. Fost il-qadi ta' dmirijietu ltaqa' mat-talba ghall-hlas tas-socjeta` attrici. Qablu din it-talba kien qed jittrattaha John Callam li kien *project manager* qablu. Sostna li Callam ma kienx awtorizzat jikkommetti ruhu f'isem is-socjeta` li kellha *head office* Hong Kong, izda ried struzzjonijiet. Hu qal li mid-dokumenti li ghandu jirrizulta li qatt ma kien intlahaq ftehim dwar l-ammont li kienet qed titlob is-socjeta` attrici.

"In kontro ezami qal li l-familja tieghu ghandha ishma mill-kumpanija. Dawn l-ishma gew mixtrija fl-2003. Meta kien qed jezamina d-dokumenti ra jekk kienx hemm flus dovuti lis-socjeta` attrici. Mistoqsi ghaliex ir-*retention money* ma thallasx qal li ma kienx jaf ghaliex ghajr il-fatt li dan l-ammont kien parti minn ammont akbar mitlub mis-socjeta` attrici u l-partijiet kienu qed jippruvaw jaqblu fuq ammont globali. Qal li ma hemmx inkwiet dwar il-kwalita` tax-xoghol. Hu qal li potenzjalment hemm ammont li hu dovut lis-socjeta` attrici izda ma kienx jaf l-ammont kemm kien. Zied jghid li kien hemm diskussjonijiet bejn il-partijiet biex jippruvaw jaslu dwar ftehim fuq l-ammont dovut. Kien jaf li kienet saret offerta lis-socjeta` attrici. Hu deherlu li l-ammont kien ta' Lm10,000 u l-offerta kien ghamilha missieru Stuart Elliott. Ma kienx cert dwar iz-zmien izda deherlu li l-offerta saret f'Novembru 2004.

"Gie pprezentat affidavit iehor ta' Graham Elliott fejn semma li minn ezami ta' xi dokumenti li kienu gew redatti fiz-zmien tan-negozzjati dwar it-trasferiment tal-ishma kien jidher car li l-ammont dovut lil Calibre kien ta' Lm21,258.44 u li dan kien thallas permezz ta' *cheque* numru 493 datat 27 ta' Mejju 2002 li kien mibghut lil Calibre flimkien ma' *cover note* li kienet tghid *"full and final settlement"*. Kienet harget ricevuta minn Calibre minghajr ebda riserva. Semma li hu ma jafx b'xi xogholijiet ohra li Calibre ghamlet wara ghal Grand Hotel Excelsior. Hu kien assuma r-rwol manigerjali f'Ottubru, 2004.

"Irrefera ghad-dokumenti C8A and C9 prezentati minn Calibre. Dawn huma l-minuti ta' laqghat bejn John Callam, J. Cortis u R. Cortis. Minn dawn johrog li t-talba ta' Calibre tirreferi ghal:

"*a.* *Retention Monies*
"*b.* *Materials*
"*c.* *Wage Increase*
"*d.* *Additional Admin / Preliminary Costs*
"*e.* *Storage, and*
"*f.* *Interest*

*"…no reference to additional or new works…Retention Monies ….no record of payment due to Calibre in the due diligence documentation and based on the evidence discussed above that a full and final settlement had been made, I believe that this amount is not due. Materials: Under the contract of works …contractor was required to purchase all materials required for the contract and to deliver them to the site….upon delivery to site the material would become property of the Employer…The materials were not at site and therefore…Calibre has no claim for payment….Wage Increase: …..section 8.1.2 specifically excludes any adjustments to …. fluctuations in the cost of labour. Additional Admi / Preliminary Costs:… Contract Price… was a "Lump Sum" and that no provision is made for any additional payment of these items…. Materials were to be delivered to site and therefore Calibre has no claim to Storage…Interest: ….since Calibre has no monetary claim against Slipform, it is not possible for there to be any interest outstanding."*

"**E. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

"Illi ghalhekk f'dan l-istadju fadal li tigi ezaminata t-talba principali tas-socjeta` attrici ghall-ammont ta' Lm19,724.11 oltre imghaxijiet legali mill-1 ta' Dicembru, 2003 li skont l-istess socjeta` attrici dan l-ammont gie ridott mis-socjeta` attrici bi ftehim mas-socjeta` konvenuta. Dan l-ammont jirreferi ghal xogholijiet, spejjez, *retention money*, *additional administration costs* li s-socjeta` attrici ipprovdiet lis-socjeta` konvenuta biex tlestiet il-lukanda Grand Hotel Excelsior.

"Min-naha tas-socjeta` konvenuta gie sostnut li dawn it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-attrici ma tatx prospett dettaljat u li ebda ammont ma huwa dovut.

"Illi in sostenn tat-talbiet attrici hemm id-depozizzjonijiet ta' Joseph u Raymond Cortis, filwaqt li in sostenn tat-tezi tal-konvenuta hemm id-depozizzjoni ta' Graham Elliott.

"Permezz ta' l-iskeda a fol 13 u 14 tal-process, hemm dak li fil-fehma ta' l-attrici hija l-istorja kronologika ta' dak li gara. Gew esebiti diversi dokumenti, inkluz *emails* ta' bejn il-partijiet. Hemm anke notamenti dwar il-*meetings* li saru bejn il-partijiet, inkluz ittri tal-konsulenti legali tal-partijiet, u dan fil-process kollu izda specjalment a fol 15 sa 49 tal-process.

Joseph Cortis, *Chairman* u *CEO* tas-socjeta` attrici semma li s-socjeta` konvenuta kienet ikkommissjonat lis-socjeta` attrici ghal xoghol ta' bibien, twieqi u hgieg u xoghol iehor ghall-progett tal-Grand Hotel Excelsior, u fil-fatt gie iffirmat kuntratt tas-27 ta' Mejju, 1997. Ghalkemm ix-xoghol kellu jitlesta sas-7 ta' April, 1998, peress li l-konvenuta waqqfet ix-xoghol, dan twal ferm aktar. L-attrici kienet xtrat materjal skont l-ordni u specifikazzjonijiet u semma li kienu mexjin mad-direttivi tal-*project manager* John Callam, u in segwitu ta' Gerard Holmes. Fil-bidu l-attrici kienet tohrog fattura fuq il-valutazzjoni u f'temp ta' 30 gurnata kien isir il-hlas hlief ghar-*retention money*, u x-xoghol kollu kien accettat u approvat. Semma l-problemi ta' waqfien tax-xoghol ripetut u li kellhom talba ghal Lm41,820.91 izda Holmes ma kellux risposta ghal zmien twil. Kienu nbidlu s-sidien tal-kumpanija u fil-21 ta' Novembru, 2003 kienet saret laqgha ohra ma' Callam u bi sforz biex jaslu kienu accettaw li jsir hlas finali ta' Lm19,724.11 izda l-hlas qatt ma sar. Fl-ittra tal-15 ta' Dicembru 2003, Callam cahad li sar il-ftehim. In segwitu, is-socjeta` konvenuta *tramite* Mr. Elliott, kienet offriet Lm10,000 ghas-saldu izda dan ma kienx gie accettat.

"Raymond Cortis kien ikkonferma dan kollu u sostna li waqt li qed isir ix-xoghol ma nqalghux kwistjonijiet hlief affarijiet zghar.

"Dan kollu huwa kontradett minn Graham Stewart Elliott, direttur tal-konvenuta li semma li Callam ma kienx awtorizzat jikkommetti ruhu f'isem il-konvenuta. Irrizulta li l-ishma fil-konvenuta nxtraw mill-familja tieghu fl-2003. originarjament ma kienx jaf ghaliex ma thallasx ir-*retention money*. Qabel li ma kienx hemm inkwiet dwar il-kwalita` tax-xoghol. Sostna li wara li ezamina d-dokumenti li kienu gew redatti fiz-zmien tan-negozjati, kien hemm l-ammont dovut lill-attrici ta' Lm21,258.44 izda sostna li dan kien thallas permezz ta' *cheque* 493, datat 27 ta' Mejju, 2002.

"Illi ghalhek jirrizulta lill-Qorti li ma kienx hemm kwistjonijiet dwar il-kwalita` tax-xoghol. Kien hemm problemi li ma sarx il-hlas u li ried jigi kwantifikat il-bilanc dovut fuq id-diversi aspetti biex jigi finalizzat dan l-ammont pendenti. Din il-Qorti mhix konvinta li l-ammont pretiz fic-citazzjoni kien gie mhallas bic-*cheque* imsemmi fis-sens li dan kien jirreferi ghal xogholijiet u ammonti dovuti precedentement u infatti jinsab imhallas f'Mejju 2002, meta l-kwistjoni baqghet ghaddejja ferm aktar.

"Wiehed ghalhekk irid jezamina bir-reqqa l-affidavit ulterjuri ta' Graham Elliott li jinsab a fol 216 sa 218 tal-process u li partijiet minnu gew riprodotti hawn fuq.

"Elliott argumenta li *retention moneys* mhux dovuti ghax ma kienx hemm *records* tal-pagamenti dovuti lil Calibre fid-dokumentazzjoni tad-*due diligence*. Izda hawnhekk il-konvenuta qed taghzel li taghmel il-provi taghha permezz tad-dokument tad-*due diligence* li la gie prodott,

la konfermat u hadd ma tela' jixhed fuqu. Ghalhekk il-Qorti ma tistax tilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta fuq dan l-aspett.

"Jargumenta li l-ammont ta' metarjal m'ghandux jithallas u dan minhabba l-fatt li l-kuntrattur kellu jwassal il-materjal kollu *on site* sakemm jigu bzonnjuzi u li l-materjal imwassal fis-*site* isir proprjeta` ta' l-*employer*, u cioe` tal-konvenuta. Izda, irrizulta car bizzejjed li spiss kellu jsir waqfien fix-xogholijiet u li kien impossibbli li wiehed jevalwa sewwa l-possibbilta` ta' materjal fuq is-sit, u ghalhekk ma jistax ikun li jigi accetta l-argument tal-konvenuta li kien hemm *breach of contract*, kif jinghad fl-affidavit tieghu. Il-materjal supplit irid jithallas.

"Elliott irrefera wkoll ghall-*wage increases*, u jsemmi li l-kuntratt f'8.1.2. specifikament jeskludi tibdil minhabba l-gholi tal-hajja. Jinsisti wkoll fuq li l-ammont kien *lump sum*.

"Izda l-Qorti, wara li qieset l-aspetti kollha tal-kaz, thoss li l-ammont pretiz huwa dovut u li dan gja kien ridott minn somma superjuri f'attentat biex jintlahaq il-ftehim, u ghalhekk il-Qorti qieghedha f'dan l-istadju tiddikjara l-ammont dovut ta' Lm19,724 u b'hekk tillikwida f'dan l-istadju dan l-ammont, u tiddikjara lill-konvenuta responsabbli ghall-hlas ta' dan l-ammont. Minhabba li l-ammont ma kienx likwidat precedentement, l-imghax jiddekorri mil-lum.

"**F. KONKLUZJONIJIET:**

"Ghall-motivi fuq imsemmija, peress li l-ewwel zewg eccezzjonijiet gja decizi, waqt li t-tielet tirreferixxi ghall-mertu tal-kaz, il-Qorti tirreferi ghal dak fuq imsemmi u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' Lm19,724 ossija €45,945. L-imghax jiddekorri mil-lum.

"Spejjez kontra s-socjeta` konvenuta."

**<u>Rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta:</u>**

Is-socjeta` konvenuta kif inghad hasset ruhha aggravata bis-sentenza tal-ewwel Qorti u ghalhekk interponiet dan l-appell minnha. L-aggravji se jigu trattati aktar 'il quddiem.

**<u>Rikors tal-appell tas-socjeta` attrici</u>**

Is-socjeta` attrici tghid li s-sentenza ippronunzjata mill-ewwel Qorti fis-

sustanza hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata; pero` appellat ukoll u talbet li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru kif talbet hi.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti:</u>**

**AGGRAVJU TAS-SOCJETA` KONVENUTA**

Is-socjeta` konvenuta targumenta fir-rikors tal-appell taghha illi s-socjeta` attrici ma ipprovatx illi ghandha tiehu l-flus mitluba fic citazzjoni skont il-ligi tal-procedura u skont il-massima ***onus probandi ei qui dicit non ei qui negat***.

Is-socjeta` konvenuta issostni illi mhux minnu li sar ftehim fil-21 ta' Novembru 2003 (dok C9) jew f'xi laqgha ohra, li permezz tieghu hija accettat li kellha thallas l-ammont imsemmi; tghid illi l-minuti tal-laqgha li saret bejn id-diretturi tal-attrici u John Callam, li dak iz-zmien kien project manager taghha, mhux vinkolanti fil-konfront taghha ghaliex is-sur Callam ma kienx qed jorbotha.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument. Ezami akkurat tad-dokument jindika li t-talbiet tas-socjeta` attrici kienu hafna akbar minn dawk li eventwalment waslu ghalihom il-partijiet u li qed titlob is-socjeta` attrici

fil-kawza. Dan wassal biex f'hafna mill-partijiet tad-dokument hemm indikat l-ammont li kienet qed titlob l-attrici u finalment l-ammont li l-partijiet waslu ghalihom. **Anke jekk wiehed jaccetta illi l-imsemmi Callam ma kienx qed jirraprezenta lis-socjeta` konvenuta, dan id-dokument huwa prova bizzejjed li l-ammonti li kienet qed titlob l-attrici kienu effettivament dovuti.** Din il-prova hija altru milli bizzejjed a tenur tal-Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura li huwa imnissel mill-massima fuq imsemmija.

Infatti per ezempju l-ewwel 'item' imsemmi huwa dwar l'hekk imsejjah '*retention money'* u ma hemmx dubbju li dawn kienu dovuti u kienu qed jinzammu mill-konvenuta sakemm jitlestew ix xoghlijiet kollha. Rigward imbaghad l-item intestata "*raw materials*", fuq parti minnhom hemm indikat kjarament li ma kienx hemm ftehim u dan l-ammont (aktar minn Lm22,000) ma giex inkluz fl-ammont mitlub mill-attrici. Fuq spejjez amministrattivi addizjonali hemm indikat b'mod car li '*after a lengthy debate a 50/50 solution was arrived at."* Wiehed jista' jghid liberament li dawn il-kostatazzjonijiet varji japplikaw ghal kull 'item' indikat f'dan id dokument.

Aggravju relatat u li fuqu sar accenn qawwi fit-trattazzjoni tal-abbli difensur tal-konvenuta, huwa illi c-cekk mahrug minnha u msarraf fl-ammont ta' Lm21, 258. 44c a favur tas socjeta` attrici kien mahrug "in

full and final settlement" u allura ma kien hemm xejn aktar dovut lilha. Huwa minnu li normalment dan ikun ifisser li l-pendenzi bejn il-partijiet ikunu intemmu, kif sewwa iccitat il-konvenuta fir-rikors tal-appell li qalet il-Qorti il-kawza **Apap v. Galea** (Qorti tal-Appell, 26 ta' Novembru 1986).

Fl-isfond ta' dan li gia` issemma' pero` dan l-aggravju ma jregix ghas-semplici fatt li dan ic-cekk kien inhareg aktar minn sena qabel il-laqgha fuq imsemmija u cioe` fil-31 ta' Mejju 2002. Ghalhekk kieku effettivament il-pendenzi kienu intemmu ma kienet issir ebda laqgha – l-aktar tenut kont ta' riluttanza evidenti tas-socjeta` konvenuta biex thallas l-ammont mitlub. Kwindi huwa car illi dak il-pagament sar a saldu tal-ammonti li kienu dovuti sa dak in-nhar u mhux a saldu tal-ammont kollu dovut lis socjeta` attrici.

**L-aggravji tas-socjeta` konvenuta huma allura respinti kollha**.

**AGGRAVJU TAS-SOCJETA` ATTRICI**

L-aggravju tas-socjeta` attrici huwa semplici u cioe` li l-Qorti kellha tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-imghaxijiet minn meta dovuti u mhux mid-data tas-sentenza.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Vincent Brincat v. Anna Caruana** (App. Inferjuri, 23. 06. 2004) intqal kjarament illi:

> "…. *jinsab espress fis-subinciz (1) ta' l-Artikolu 1141 tal-Kodici Civili illi "jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghoddu 'ipso jure', l-imghaxijiet ighoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita".* .
>
> "**…** *Stabbilita din l-osservazzjoni, jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a* ***Vol XXXVIII pIII p 642,*** *fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u d-dottrina taljana, illi "debitu kummercjali likwidu u ezigibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi "di pieno diritto". Jissokta jigi precizat illi "il sol fatto che il creditore non abbia chiesto gli interessi, costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi". Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa "di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament".*

Dan huwa ribadit f'sentenzi ohra bhal dik ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Mallia v. Bezzina Wettinger** (moghtija fl-10 ta' Ottubru 2003).

Ma hemmx dubbju li r-relazzjoni guridika bejn il-partijiet (it-tnejn li huma socjetajiet kummercjali) kienet wahda kummercjali u allura l-imghaxjiet huma dovuti skont kif mitlub mis socjeta` attrici. Huwa minnu li fid-dokument gia` msemmi, is-socjeta` attrici inkludiet l-imghax fit-talbiet taghha izda fil-kawza hija ma hijiex qed titlob l-imghaxijiet minn meta efettivament dovut izda mid-data ta' dik il-laqgha fejn gew prezentati id-dokumenti relattivi ghat-talbiet taghha. L-imghax inkluz fid-dokument kien allura gia` dovut.

L-aggravju tas-socjeta` attrici huwa allura gustifikat u kwindi l-Qorti se tilqa' l-appell taghha.

**DECIZJONI**

Il-Qorti ghalhekk tiddeciedi l-appell relattiv billi:

Tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici u fil-waqt li tikkonferma s-sentenza appellata, tordna li l-imghaxijiet jibdew jiddekorru mill-1 ta' Dicembru 2003;

Tichad l-appell tas-socjeta` konvenuta;

L-ispejjez kollha tal-kawza inkluz taz-zewg appelli, ikunu a kariku tas-socjeta` konvenuta.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df